MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 422/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Raymond Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Frar 2010, Marzu 2010, April 2010 u Mejju 2010, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Rose Marie Spiteri u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Otturbu, 2010, li biha

wara li rat l-artikolu 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu xaharejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta' Ottubru, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-akkuza kif migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi, u f'kaz li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-appellant jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-ewwel nett, jekk sar zball jew nuqqas dan zgur ma kienx da parti ta' l-appellant u qatt ma jista' jehel ta' xi haga li qatt ma kellu kontroll fuqha – mhux talli hekk, talli huwa pprezenta r-risposta tieghu ghat-talba ta' manteniment fil-kawza li twassal ghal separazzjoni personali fit-terminu stabilit, u jekk is-sistema legali taghna fejn jigi appuntat Assistent Gudizjarju biex jisma' x-xhieda mhix wahda perfetta, specjalment ghal mod ta' kif jigu mdahhlin rikorsi, digrieti u traskrizzjonijiet, m'ghandhux tort l-appellant;
2. Illi d-digriet originali fejn gie ordnat il-manteniment kien ibbazat fuq il-premessa li l-appellant kellu nuqqasijiet kif allegati minn martu. Meta huwa wiegeb, dan ta informazzjoni preciza bhal ma huma l-fatti li t-tlett itfal jghixu mieghu, li l-mara kkommettiet adulterju, u li hi tahdem minghajr ktieb tax-xoghol fil-lukanda Preluna tbiegh time-share. Illi huwa totalment zbaljat li l-appellant ma nghata l-ebda protezzjoni meta fl-umli fehma tieghu sar zball iehor fejn inghata digriet fis-17 ta' Marzu, 2010 li vera amenda l-ammont ta' alimenti li gie reviz sewwa l-isfel izda ma semma xejn dwar ix-xhud ta' qabel;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant meta rinfacjat bix-xenarju konfuz ta’ hawn fuq, qatt ma setgha jhallas manteniment ghax-hur ta’ Frar, 2010, Marzu, 2010, April, 2010 u Mejju, 2010 stante li kien ferm naturali li hu kien ser jistenna digriet li jiehu in konsiderazzjoni r-risposta tieghu peress illi dan huwa principju ta’ gustizzja naturali *audi alteram parte.* Konsegwentement m’ghandu l-ebda htija li f’dak iz-zmien Frar 2010, Marzu 2010, April 2010 u Mejju 2010 meta kien akkuzat, huwa baqa’ fi *status quo* jistenna digriet li jiehu in konsiderazzjoni r-risposta tieghu;
4. Illi l-Ewwel Qorti naqset milli taghmel apprezament li t-tfal jghixu mal-missier;
5. Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva w sproporzjonata.

Semghet ix-xhieda;

Semghet illi waqt l-udjenza tal-lum u prezenzjalment thallsu elfejn Euro (€2000) ohra barra l-elfejn li kienu thallsu qabel u li ghalhekk jidher li l-manteniment dovut ghall-perjodu imsemmi fic-citazzjoni tal-lum jigifieri Frar, 2010, Marzu 2010, April 2010, u Mejju 2010 jidher illi thallas.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tirriforma s-sentenza fl-ismijiet premessi tal-4 t’Ottubru, 2010 billi
a) l-ewwelnett tikkonfermaha fis-sejbien ta’ htija;
b) tibdilha w thassar dik il-parti fejn l-appellant kien ikkundannat xahrejn prigunerija w minflok tikkundannah biex ihallas ammenda ta’ disgha w hamsin Euro (€59).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------